**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 394/2008**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Noel Grech**

Illum, 26 ta' April 2024

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant Noel Grech, detentur tal-karta ta' l-identita' Maltija bin-numru 306280(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli f'dawn il-Gzejjer, fit-28 ta' Frar 2008 u matul il-ġimgħat qabel din id-data:

(a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina, speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew għall-uzu ta' persuna/i mingħajr ma kellu liċenzja mill-President ta' Malta mingħajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 għall-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u mingħajr ma kien fil-pussess t'awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-Sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizzata li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 għall-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N.

292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

(b) Ittraffika, biegħ, qassam jew offra li jittraffika, ibiegħ jew iqassam mediċini psikotropika u ristretta (ecstasy) mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati;

(c) Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-uzu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

(d) Kellu fil-pussess tiegħu mediċina psikotropika u ristretta (ecstasy) mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati;

(e) Talli bbalzma jew immuntajt lil xi għasfur jew għamiltha ta' balzmatur, kemm għal skopijiet kummerċjali kemm għal xi skop personali, jew kellu għodda, kimiċi jew apparat ieħor li jintuża jew li normalment jintuża għall-ibbalzmar, mingħajr liċenzja maħruġa mid-direttur tad-direttorat għall-ħarsien tal-ambjent fi ħdan l-awtorita' ta' Malta għall-ambjent u ippjanar;

(f) Immunta jew ibbalzmar xi għasfur ħlief dawk li huma nklużi fl-iSkeda III ta' l-A.L. 79/2006;

(g) Zamm għasafar, kemm ħajjin kemm mejtin, jew parti minn xi għasafar mhux imsemmijin fl-Iskeda III tar-regolamenti ta' l-2006 dwar il-konservazzjoni ta' l-għasafar selvaġġi;

(h) Zamm lil xi għasfur, kemm ħaj kemm mejjet, jew parti minn xi għasfur li l-kaċċa jew it-teħid tiegħu huma projbiti taħt ir-regolamenti ta' l-2006 dwar il-konservazzjoni ta' l-għasafar selvaġġi (A.L. 79 ta' l-2006), kontra id-dispozizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, liema għasafar ma kienux ġew iddikjarati u reġistrati ma' l-Awtorita' kompetenti sal-31 ta' Mejju 2003;

(i) Kellu fil-pussess tiegħu xi għasfur jew għasafar ibbalzmati li l-ispeċi tagħhom mhux inkluż fl-Iskeda III li tinsab mar-regolamenti ta' l-2006 dwar il-konservazzjoni ta' l-għasafar selvaġġi (A.L. 79 ta' l-2006) u li ma kinux ġew reġistrati mas-Sezzjoni fiz-zmien stipulat.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-27 ta' Marzu 2023, fejn wara li rat ir-regolamenti 3 u 5 tal-Avviz Legali 22 tas-sena 1985, hekk kif sussegwentement emendat, kif ukoll l-artikolu 120A(1)(a), (1B) u (2)(b)(i) tal-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll ir-regolamenti 4(1)(e), (f) u 21(5) tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006, hekk kif ġie sussegwentement emendat bl-Avvizi Legali numru 39 tas-sena 2007 u numru 280 tas-sena 2007, sabet lill-imputat Noel Grech mhux ħati tal-ewwel, it-tielet, il-ħames u s-sitt imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu filwaqt li sabitu ħati tat-tieni, r-raba', is-seba', it-tmienja u d-disa' imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu. Konsegwentement, il-Qorti kkundannat lill-istess Noel Grech għal piena ta' erbatax-il xahar priġunerija effettivi kif ukoll għall-multa ta' elf u ħames mitt Ewro (€1,500) li a tenur tal-artikolu 14 tal-Kodiċi Kriminali jistgħu jitħallsu b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Ewro (€100) fix-xhar. F'każ li l-ħlas ikun se jsir b'rati mensili, l-ewwel pagament għandu jsir fi żmien xahar mid-data tas-sentenza, b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jekk dan ma jitħallasx jiġi konvertit fi priġunerija skond il-liġi. Illi, a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti ordnat lill-ħati Noel Grech sabiex iħallas l-ispejjeż fl-ammont ta' Eur. 445.51 konnessi mal-ħatra ta' l-esperti fil-proċeduri odjerni fi żmien tlett snin millum. Fl-aħħar nett, il-Qorti ordnat d-distruzzjoni tad-droga eżebita hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess-verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża sa mhux aktar tard minn ħmistax -il jum minn tali distruzzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant, Noel Grech, ippreżentat fl-14 ta' April 2023, fejn talab lil din l-Qorti tvarja u tbiddel is-sentenza mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Ewwel Qorti billi:-

(a) Tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti fejn sabitu mhux ħati tal-ewwel, tat-tielet, il-ħames u s-sitt imputazzjonijiet fil-konfront tiegħu;
(b) Tikkonferma s-sejbien ta' ħtija fir-rigward tar-raba', s-seba', it-tmien u d-disa' imputazzjonijiet fil-konfront tiegħu;
(c) Tbiddel il-bqija tas-sentenza billi tiddikjarah mhux ħati tat-tieni mputazzjoni miġjuba kontrih;

(d) Bla preġudizzju għas-suespost aggravji u talbiet, tagħti piena aktar xierqa għaċ-ċirkostanzi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-

Semgħet ix-xhieda ta' Mark Orland rappreżentant tal-Aġenzija Sedqa u tal-psikjatra Dr David Cassar.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, il-gravam sottopost għal ġudizzju ta' din il-Qorti jikkonċerna unikament is-sejbien ta' ħtija mill-Ewwel Qorti fir-rigward tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tal-appellant li tħaddan fiha ir-reat ta' traffikar, bejgħ, tqassim jew offerta sabiex isir dan tal-mediċina psikotropika u ristretta *ecstasy*. Jilmenta l-appellant illi fir-rigward ta' din l-imputazzjoni l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi prodotti quddiemha u dana meta straħet unikament fuq ix-xhieda ta' Robert Muscat għas-sejbien ta'ħtija. L-appellant jisħaq li Muscat wera' biċ-ċar, fil-kors ta' dawn il-proċeduri, li mhuwiex xhud kreddibli u li ma joffri l-ebda affidabbilita' u għalhekk l-Ewwel Qorti ma kelliex tagħtih attendibbilita'.

Illi, eżaminati mill-ġdid l-atti proċesswali, b'mod ewlieni it-testimonjanza tax-xhud Robert Muscat, u dan sabiex tqis jekk l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu[1], jirriżulta illi fil-fatt l-Ewwel Qorti sejset b'mod ewlieni s-sejbien ta' ħtija għar-reat tat-traffikar tal-pilloli *ecstasy* fuq it-testimonjanza ta' dan ix-xhud li ndika lill-appellant bħala l-persuna li

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u lAppelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

ssupplixxieh b'din il-mediċina. Issa huwa minnu illi l-espert nominat mill-Qorti, ix-xjenzat Godwin Sammut, naqas milli janalizza dawn il-pilloli, għalkemm analizza xi pilloli oħra li kienu misjuba fir-residenza fejn kien igħix l-appellant, madanakollu jibqa' l-fatt illi Robert Muscat jindika lill-appellant bħala il-persuna li offriet li tissupplixxih b'dawn il-pilloli versu korrispettiv biex b'hekk, kif tajjeb tikkonkludi l-Ewwel Qorti, wara eżami erudit tal-ġurisprudenza u id-dritt in materja, l-offerta waħedha hija biżżejjed sabiex tissussiti ir-reita' ai fini ta' traffikar u dan skond kif hemm definit fl-artikolu 120A(1B) tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta.

Jifdal għalhekk biex ikun ikkunsidrat jekk il-verżjoni tal-fatti tax-xhud Robert Muscat għandiex mis-sewwa. Issa dan ix-xhud tul l-*iter* proċesswali offra id-deposizzjoni tiegħu kemm il-darba u ċioe' l-ewwel darba meta irrilaxxja l-istqarrija ġuramentata lill-Inkwirenti u sussegwentment meta xehed għall-iktar minn darba fil-qorti bl-ewwel deposizzjoni u it-tieni waħda jingħataw f'distanza ta' numru ta' snin. Illi f'dawn il-verżjonijiet kollha, għalkemm hemm xi varjanzi f'xi dettalji żgħar, madanakollu huwa jibqa' konsistenti fil-verżjoni tiegħu illi ma kien ħadd għajr l-appellant illi offra li jissupplixxih bil-pilloli *ecstasy* sabiex igħaddieha lil terza persuna u li huwa ħallsu għal din id-droga.

Illi mill-fatti li jemerġu mill-provi, fil-fatt, jirriżulta illi dan Muscat inqabad fil-pussess tal-pilloli *ecstasy* u tad-droga kokajina li kienu miżmuma ġewwa bott nhar il-15 ta' Frar tas-sena 2008, waqt *roadblock* ġewwa Bormla mill-Forzi Armati ta' Malta. Kif ingħad, din is-sustanza qatt ma kienet analizzata mill-espert tal-Qorti. Fl-investigazzjonijiet magħmula mill-pulizija irriżulta illi, skont dak mistqarr minn Muscat stess, d-droga in kwistjoni kien għaddihielu ċertu Noel, li ġie identifikat bħala l-appellant odjern. In segwitu, Muscat għażel li jagħmel stqarrija ġuramentata quddiem l-Inkwirenti, liema stqarrija ttieħdet nhar is-16 ta' Frar 2008, fejn huwa stqarr li kien għadda lill-appellant is-somma ta' Lm190 għall-bott kontenenti d-droga, liema bott kellu sussegwentement jgħaddih lil terza persuna li kienet qed tistennih Bormla. Huwa jistqarr, *inter alia*, illi -

> **Xi t-3.00pm ta' wara nofsinhar, kont qiegħed is-Suq ta' Bormla fil-pjazza, ġie ħdejja Noel ta' Brignioli li huwa ħabib tiegħi u qalli "tagħmilli pjaċir f'xi**

**5:30 tiġi għall-affarijiet". Jiena għidtlu iva, niġi. Jiena għall-ewwel ma kontx naf x'kienu dawn l-affarijiet. Jiena mort għandu f'Bormla ġo dar fil-5:30pm u tani dan il-bott bi ħmistax ecstasy li kont naf bihom. Il-cocaine ma kontx naf biha. Sirt naf li kien fih l-ecstasy għax hu qalli "ħa dan il-bott, fih ħmistax ecstasy". Qalli biex immur inwassalhomlu lil bniedem ieħor, qalli xi laqam ma nafx eżatt x'kien u nieħdu quddiem il-kazin ta' Bormla fejn qed jistennieni. Qalli li għandu ġakketta tal-ġilda kannella, samrani u ftit iqsar minni u fih aktar persuna minni.**

**...**

**Fil-fatt, meta ltaqa' miegħi Noel fit-3:00pm hu qalli li għandu Lm190 għoxrinijat u għaxra u qalli ħa x'ħin jiġi l-ieħor nistennieh ħdejn il-kazin tal-Banda u tihomlu. Jiena ma staqsejtux ta' xiex kienu. Stennejt lil dak l-ieħor għal xi nofs siegħa u l-ieħor ma ġiex. Reġa ċempilli Noel fuq il-mobile phone tiegħi u qalli fil-5:30 "ejja għandi d-dar għax ħa nirrenga" u qatali. Jien mort id-dar t'ommu li jiġi viċin St Michael Street, Bormla u naf li għandu bieb migruf in-numru ma naghfux bl-amment fil-5:30pm. Ħabbat, fetaħli Noel, tlajt fuq u waqqafni u qalli biex intih il-flus, jien tajthomlu u tagħni l-bott li qalli li kien fih ħmistax il-pillola ecstasy u qalli biex immur fejn kont qed nistenna qabel biex nerġa nistenna l-istess persuna li kont qed nistenna l-ewwel u ntih il-bott. Jien staqsejtu kif inhu u qalli id-deskrizzjoni li semmejt l-ewwel.**

Illi, huwa kompla jgħid li l-persuna li kellha tiltaqa' miegħu biex jagħtiha l-bott ma ġietx u hekk kif kien sejjer lura għand Noel jirritorna d-droga ġie interċettat bid-droga ġewwa *roadblock* tas-suldati. Stqarr ukoll li n-"Noel" li qed jirreferi għalih -

**Nafu bħala Noel 'Brignioli' għandu xi sitta u għoxrin jew seba' u għoxrin sena, qasir, rqiq, samrani, xagħru mqaxxra u għandu it-tattoos f'idejh u joqgħod m'ommu Carmen kantuniera ma' St Michael Street Bormla u jiġi minn tas-'Zebbuġija' u kien il-ħabs. Naf ukoll lil ħuh David għadu kemm ħareġ mill-ħabs xi ftit xhur ilu. Naf li missieru għandu Toyota sportiva ħamra il-mudell ma nafx x'jgħidulu.**

Illi Robert Muscat xehed *viva voce* quddiem l-Ewwel Qorti l-ewwel darba nhar is-26 ta' Marzu 2010 fejn mingħajr tlaqliq jerġa jtenni illi l-*ecstasy* kien ipprovdihielu l-appellant. Meta jixhed fil-qorti jindika illi kien ċertu Henry Coleiro li kien bgħatu għand l-appellant biex jixtri l-pilloli tal-*ecstasy,* u li ma kienx semmieh *a tempo vergine* għax kien beża' minnu. Igħid illi l-appellant għaddielu il-bott bil-pilloli imma ma kienx għaddielu id-droga kokajina. Muscat jerġa' jieħu l-pedana tax-xhieda sitt snin wara nhar l-4 ta' Mejju 2016, fejn jerġa' itenni l-istess fatti u għal darb'oħra jikkonferma l-istqarrija ġuramentata tiegħu. Jindika għal darb'oħra li l-persuna li kienet bgħatitu jixtri il-pilloli minn għand l-appellant kien ċertu Henry Coleiro, llum defunt, u li *a*

*tempo vergine* ma kienx semmieh lill-Inkwirenti għax kien beża' minn din il-persuna. Muscat jerġa' jikkonferma li kien konxju li ġol-bott kien hemm l-*ecstasy* pero' ma kienx jaf li kien hemm ukoll id-droga kokajina u jibqa' jsostni illi kien l-appellant li għaddielu dawn il-pilloli.

Illi, minn naħa l-oħra l-appellant xehed ukoll quddiem l-Ewwel Qorti fejn innega li hu qatt għadda xi droga jew pilloli lil Muscat. Xehed li fiż-żmien tal-każ odjern, huwa kien jikkonsma l-*ecstasy* darba f'xahar u meta kien joħroġ kien jieħu aktar. Jgħid li mbagħad kien miet ħuh fl-2013 u kien waqaf jabbuża mid-droga. Jallega li Robert Muscat kien weħħel kollox fih għax kien jibża' minn Henry Coleiro u dan skont kif xehed fil-qorti meta qallu il-preċiżi kelmiet:- "**skuzani, jiena bżajt minn Henry Coleiro, ma xtaqtx nagħmel hekk li nitfagħha fuqek**". Issa l-Qorti fliet id-deposizzjonijiet mogħtija minn Muscat u ma jirriżultax dan id-diskors li l-appellant jindika fix-xiehda tiegħu, xiehda li hija għal kollox skarna minn kwalsiasi dettall.

Illi, għalhekk, għalkemm dina l-Qorti, bħall-Ewwel Qorti qabilha hija rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet opposti minn xulxin, madanakollu hija l-verżjoni tal-fatti mogħtija minn Muscat li hija l-iktar attendibbli u li baqgħet konsistenti tul iż-żmien meta huwa indika għal darba, darbtejn, tlieta li kien l-appellant li pprovdieh bil-pilloli tal-*ecstasy* u dana wara li dan għaddielu ammont ta' flus għaliha, meta imbagħad tah istruzzjonijiet sabiex din id-droga igħaddieha lil terza persuna. Issa l-appellant ma jressaq ebda prova sabiex ixejjen din il-verżjoni tal-fatti mogħtija minn Muscat u jgħid biss illi Muscat weħħel fih għax beża' minn Coleiro, liema fatt igħid li Muscat xehdha fil-qorti, meta mix-xiehda ta' Muscat għalkemm huwa jsostni li kien beża' minn Coleiro, madanakollu imkien ma jgħid illi huwa weħħel fl-appellant sabiex jeżonera lil Coleiro minn kull ħtija. Għaldaqstant dina l-Qorti hija tal-fehma li l-Ewwel Qorti, a bażi tal-provi prodotti quddiemha, setgħet legalment u raġonevolment issib ħtija fl-appellant fir-rigward tat-tieni mputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu, kif filfatt għamlet.

Għaldaqstant, l-aggravju imressaq mill-appellant ma jistħoqqlux akkoljiment.

**Ikkunsidrat:**

Illi, finalment fit-talba kontenuta fir-rikors ta'l-appell l-appellant jitlob mitigazzjoni fil-piena erogata mill-Ewwel Qorti ta' erbatax-il xahar priġunerija u multa ta' €1500, għalkemm ma jressaq l-ebda aggravju formali fir-rigward.

Illi, mhuwiex il-kompitu ta' dina l-qorti ta' revizjoni li tipprova tispekula x'inhuma dawk ir-raġunijiet li wasslu lill-appellant iressaq din it-talba, iktar u iktar meta l-piena hija waħda li taqa' fil-parametri tal-liġi. Madanakollu, fuq talba tal-appellant stess, il-Qorti semgħet ix-xiehda ta' Mike Orland mill-Aġenzija Sedqa u dik tal-psikjatra Dr. David Cassar, minn fejn jidher illi l-appellant kien bniedem afflitt mill-problema tal-vizzju tad-droga sa mis-sena 2009, tant illi sa reċentement kien qed ikun rikoverat ġewwa l-isptar Monte Carmeli billi kien issir psikotiku minħabba l-abbuż tad-droga. Madanakollu bħal issa jidher li qed jirreġistra progress fl-imġieba tiegħu u qed jipprova iżomm 'il bogħod mill-użu ta' sustanzi. Dan magħdud, għalkemm huwa sinjal pożittiv illi l-appellant qiegħed fl-aħħar jipprova jindirizza l-problema tiegħu tad-droga, madanakollu il-piena ta' inkarċerazzjoni hija waħda tassattiva u inoltre lanqas ma jista' jingħad illi hija eċċessiva, anzi tqarreb iktar lejn il-minimu, tenut kont ukoll illi huwa kien misjub ħati ta' reati oħra marbuta ma' vjolazzjoni ta' regolamenti dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi.

Illi, dina l-Qorti hija għalhekk tal-fehma illi l-piena nflitta mill-Ewwel Qorti kienet waħda fil-parametri tal-Liġi, li tqarreb lejn il-minimu u li fl-istess ħin tirrispekja il-gravita' tar-reati kommessi, kif ukoll il-fedina penali refrattarja tal-appellant. Għalhekk tqis li ma teżisti l-ebda raġuni valida 'il għala għandu jkun hemm mitigazzjoni fil-piena erogata.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**Edwina Grima**

**Imħallef**